MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2014

Numru. 1133/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**

**Vs**

**Kurt Mario Bezzina, ta’ 24 sena, bin Mario Antonio u Monica nee` Scicluna, imwieled Pieta` nhar it-13 ta’ Awissu 1988, residenti Garden Residenc, Flat 3A, Triq in-Nutar Zarb, Attard u detentur tal-karta tal-identita’ numru 397488(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli, f’dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta’ Dicembru, 2011, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, fil-kapacita tieghu personali kif ukoll bhala direttur tal-kumpanija KMK Limited (C50774), approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal

persuna/i ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-dannu ta' Raymond u Mary Rose Caruana, u l-istess haga giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali kwazi nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat iddikjara li lest ihallas lil parte leza l-ammont mehud indebitament.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 293, 294, 308, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-hati ihallas lill-parte leza Raymon u Mary Rose Caruana s-somma ta’ elfejn u hames mitt euro (€2,500) u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Finalment il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza flimkien mal-atti tal-kawza jintbghatu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------